**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Hubert Cini)**
**Vs**
**Paul Buhagiar**

**Kump 87/2014**

Illum 16 ta' Jannar 2017

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Paul Buhagiar, iben Emanuel u Rosanna nee' Micallef, imwieled fit-12 ta' Settembru, 1960 u residenti 45, Triq Sammat, Paola, detentur ta' karta tal-identita' 651760(M).

Akkuzat talli fid-29 ta' Settembru 2012, ghall-habta tat-06:40 hrs gewwa Triq Hal Saflieni, Paola:

Saq vettura bin-numru tar-registrazzjoni LPR-799, u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas

ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, tajjar lill Giovanna Mifsud w involontarjament ikkagunalha offizi ta' natura gravi, skont kif iccertifikat Dr Annalise Buttigieg MD Reg 5330 mill-isptar Mater Dei.

Il-Prosekuzzjoni talbet lill-Qorti tiskwalifika lill-imputat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. fl-artikoli 15(1)(a), 15(2) u 15(3) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. fl-artikolu 226(1)(a) b'referenza ghall-artikolu 218(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet finali.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi fid-29 ta' Settembru 2012 sehh incident stradali fi Triq Hal Saflieni, Rahal Gdid. L-imputat kien qieghed isuq il-karozza tieghu[1] u laqat lil Giovanna Mifsud bil-konsegwenza li l-istess Mifsud garbet griehi ta'natura gravi fit-termini tal-artikolu 218(1)(a) tal-Kodici Kriminali.

In-natura tal-feriti li garbet Giovanna Mifsud mhumiex kontestati u d'altronde dawn gew ukoll ippruvati bid-dokumentazzjoni prezentata kif ukoll bil-hatra tal-espert Mr Thomas Azzopardi.

Dak li huwa kontestat invece huwa d-dinamika tal-incident. Il-parte civile tat versjoni differenti minn dak li taw ix-xhieda okulari. Izda qabel ma' din il-Qorti tezamina fid-dettal ix-xhieda moghtija tqis li jehtieg li ssir referenza ghal certu principji li jemergu mill-gurisprudenza.

Illi f'sentenza moghtija mill-Qorti ta'l-Appelli Kriminali (sede inferjuri per. Imhallef J.Galea Debono) fl-ismijiet Il-Pulizija vs Robert Brincat deciza fit-22 ta' Novembru 2007 il-Qorti tkellmet kemm dwar ir-responsabbilta' tas-sewwieq kif ukoll dwar l-obbligi tal-*pedestrian* meta huwa jigi biex jaqsam it-triq u stqarret:

*“"Driver ghandu juza d-diligenza kollha biex jevita pedestrian li jaqsam it-triq, anki jekk il-pedestrian jaqsam negligentement u ghalhekk ghandu jigi ritenut responsabbli jekk ikun naqas minn xi dmir tieghu b' mod li jkun pogga ruhu f' pozizzjoni li ma setax jevita l-investiment tal-pedestrian. Il-kaz li fih driver jista' jkun ezentat mir-responsabbilita' hu dak biss fejn il-pedestrian b' xi att inaspettat u subitaneu jew xort' ohra b' xi ghemil tieghu ikun qieghed lid-driver f' pozizzjoni li anki bl-uzu tad-diligenza mehtiega dan ma setax assolutament jevita l-investiment."*

(App. Krim. **"Il-Pulizija vs. DPC 347 Carmel Mifsud"** [26.6.1954] Kollez. Vol. XXXVIII, p.iv. p.859)

[1] Ara xhieda ta' Stephen Cachia moghtija fit-13 ta' Ottubru 2014

Mill-banda l-ohra gie ukoll ritenut li :-

"*Il-pedestrian ghandu certament drittijiet fic-cirkolazzjoni tat-traffiku imma ghandu ukoll l-obbligi. Jekk il-pedestrian ikun qieghed ruhu f' post fejn mhux suppost ikun, u driver li jkun qed isuq karozza b' mod regolari jsib ruhu f' pozizzjoni ta' emergenza subitanea minnhabba fih , dak id-driver ma ghandux jigi ritenut hati ta' sewqan perikoluz u tal-konsegwenzi li jista' jsofri dak il-pedestrian .*" (App.Krim. "**Il-Pulizija vs. Alfred Caruana**" [14.5.1955]; Kollez.Vol. XXXIX, p.iv p.1031).

"*Huwa veru li anki l-pedestrian ghandu d-doveri tieghu fit-traffiku stradali imma biex id-driver ta' karozza li jinvesti pedestrian u jikkagunalu offizi fuq il-persuna tieghu jista' jiskolpa ruhu, jehtieg li jirrizulta li l-kawza unika u*

*determinanti tal-investiment kienet tikkonsisti fil-komportament imprudenti tal-pedestrian li gie milqut u ma tistax tigi nvokata mid-driver l-iskriminanti tal-emergenza subitanea meta tirrikori l-kolpa tal-awtista li tkun impedietu milli jevita l-konsegwenzi tal-emergenza. Il-konducenti ta' vetturi ma ghandhomx jipprezumu normalita' perfetta ta' komportament tal-pedestrian imma ghandhom dejjem jivvalutaw tajjeb il-kontingenzi stradali w jirregolaw il-velocita' taghhom b' margini sufficienti ta' sikurezza.*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. George Muscat**" [6.5.1961] Kollez. Vol. XLV p.iv. 947)

Gie ukoll ritenut li "*ghalkemm il-pedestrian ghandu dritt li jkun fil-karreggjata biex jaqsam, certament ghandu ukoll id-dover li juza prudenza biex jaqsam..*" "*Jekk il-pedestrian ikun negligenti pero', dan ma jassolvix lid-driver tal-car milli juza dak il-grad ta' 'reasonable care' li tinhtieg. Dana kollu jinghad dejjem sakemm ma tkunx giet mill-pedestrian krejata lid-driver, bl-imprudenza tieghu, emergenza subitanea imprevedibbli, li rrendiet impossibbli, jew mhux ragionevolment possibbli, azzjoni tempestiva evaziva.*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. J. Formosa**" Kollez. XLIII, p.iv. p.1023). F' sentenzi ohra mbaghad gew elaborati sitwazzjonijiet fejn din l-emergenza subitanea tavverra ruha ; eg. "*meta jaqsam f' daqqa u jissorprendi lill-konducent, jew jaghmel xi moviment insolitu u inaspettat*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. J. Thornton**" Kollezz. Vol. XLV p.iv. p.920) jew meta pedestrian jinzel inaspettatament minn fuq il-bankina, jew li jaqsam jew jitfaccja ghall-gharrieda minn wara xi car iehor, jew li johrog minn xi kurva fit-triq, jew

li jitfaccja ghall-gharrieda u inaspettatament quddiem il-karozza. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Cassar Desain**" Kollez. Vol.XLVI . p.iv. p.765)."

Il-Qorti ghaddiet ukoll biex elenkat liema huma dawk is-sitwazzjonijiet fejn sewwieq jezimi ruhu minn kull responsabbilta ghall-investiment ta' pedestrian. Il-Qorti kompliet:

"Il-Corte di Cassazione Taljana, meta inkassat sentenza tal-Corte d' Appello di Bologna stabbiliet li f'kazijiet ta' investiment ta' pedestrian jista' tirrizulta it-tort esklussiv tal-*pedestrian* meta jikkonkorru is-segwenti kondizzjonijiet

a) "*che il-conducente, per motivi estranei a ogni suo obbligo di diligenza, sia venuto a trovarsi nella oggettiva impossibilita' di avvistare il pedone e di osservarne tempestivamente i movimenti;*

*b) che i movimenti del pedone siano cosi' rapidi e inattesi da farlo convergere all' improvviso sulla traiettoria del veicolo;*

*c) che nessuna infrazione delle norme di circolazione o di comune prudenza sia riscontrabile nel comportamento del conducente.*""

Il-Qorti kompliet tghid:

"Illi gie ritenut mill-Qrati Taghna li *"Hu dover ta' "driver to see what is in plain view"*. (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Joseph Vella"** - [10.8.1963] )

u li *"min ma jarax dak li ragonevolment ghandu jara, ifisser li ma kienx qed*

*izomm "a proper lookout"* (Appell Kriminali : **"Il-Pulizija vs. J.M. Laferla"** [17.6.1961] ). "*Keeping a proper lookout means more than looking straight ahead. It includes awareness of what is happening in one's immediate vicinity. A motorist shall have a view of the whole road, from side to side, and in the case of a road passing through a built-up area, of the pavements on the side of the road as well.*" ("**Newhaus vs. Bastion Insurance Co. Ltd."** [1968].

Illi mbaghad, anki kieku l-*pedestrian* forsi ma esploratx sew it-triq qabel kompliet taqsam," (f'dana il-kaz il-vittma kienet mara) "dan ma jezonerax lis-sewwieq mill-obbligi tieghu. Dan ghaliex …. f' sede kriminali kull sewwieq iwiegeb ghall-agir tieghu indipendentement minn dak li jaghmel haddiehor, ammenoche' dak li jigri ma jkunx dovut unikament u eskluzivament ghal xi tort da parti tal-*pedestrian* f' dan il-kaz. (Ara Appelli Kriminali: **"Il-Pulizija vs.Gaetano Schembri"** [16.3.1961]; **"Il-Pulizija vs. John Polidano**"[3.11.1963]**"Il-Pulizija vs.Rev.C.Mifsud"** (Kollez. Vol. XXXVIII; iv. p.1131) u ohrajn.). Fi kliem iehor, il-*"contributory negligence"* ma tezonerax lis-sewwieq jekk ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. (App.Krim." **Il-Pulizija vs P.Vassallo",** [Kollez.Vol.XXXVII,iv.p.883]).

Umbaghad jekk stess kien hemm xi negligenza kontributorja da parti tal-*pedestrian*, dan seta' biss, ghal massimu, serva ghall-attenwazzjoni fil-piena u xejn aktar."

Illi kif gie gustament ritenut f'sentenza ohra tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) f'sentenza moghtija fil-21 ta' Mejju 1960 fl-ismijiet il-Pulizija vs Anthony Spiteri: "Driver ta' karozza ghandu inegabbilment, fost ohrajn, zewg doveri: wiehed, dak li jzomm a *proper lookout* ghall-vejikoli, *pedestrians*, u *road-users* ohra; l-iehor, dak illi waqt is-sewqan hu jkun f'posizzjoni tali li jkollu f'kull hin kontroll sewwa tal-vejikolu." Il-Qorti osservat "ma ghandux jintesa illi l-accidenti stradali huma ta' spiss kwistjoni ta' <u>disattenzjoni ta' *split second* u l-kontingenzi tat-traffiku jistghu jkunu subitanei u inaspettati</u>. (sottolinjar ta-Qorti). Dan hu certament sewqan negligenti; u ma jistax biex jeskludieh il-fatt illi it-triq kienet wiesgha u illi traffiku iehor ma kienx hemm fit-triq, u cirkostanzi ohra tal-mument. … ghal sewqan negligenti ma hemmx bzonn tal-vjolazzjoni ta' normi guridici specifici, imma bizzejjed li jkun hemm negligenza, fis-sens ta' nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita is-sinistri stradali."

Illi dwar ir-responsabbilta' tal-*pedestrian*, l-Highway Code ighallimna illi meta nigu biex naqsmu triq ghandhom jigu imhares is-segwenti regolamenti:

23. *Qabel taqsam, ieqaf qabel ma saqajk iħallu l-bankina, fejn int tkun tista' tara jekk ikun ġej xi ħadd. Tersaqx qrib ħafna tat-traffiku. Jekk m'hemmx bankina jew sidewalk żomm lura mit-tarf tat-triq iżda kun żgur li tista' tara t-traffiku li jkun ġej u li t-traffiku jkun jista' jara lilek.*

24. *Ħares sewwa madwarek u isma'. Il-vetturi jistgħu jiġġu minn kull direzzjoni. Isma' sewwa, għax kultant tista' tisma' t-traffiku qabel ma tarah.*

25. *Jekk tkun ġejja xi vettura, ħalliha tgħaddi. Erġa' ħares madwarek u isma'. Taqsamx qabel ma jkun hemm qtugħ mingħajr periklu fit-traffiku u inti tkun żgur li hemm ħafna ħin. Ftakar, anke jekk vettura għadha 'l bogħod, tista' tkun riesqa b'veloċità kbira.*

26. *Meta ma jkunx hemm periklu, aqsam dritt it-triq, tigrix, tmurx lagenba. Ibqa' hares u issemma' ghat-traffiku waqt li tkun qed taqsam, fil-kaz li jkun hemm xi traffiku li ma tkunx rajtu, jew fil-kaz li jitfaccja xi traffiku ghall-gharrieda*. (sottolinjar tal-Qorti)

Illi inkwantu ghal dawn l-imputazzjonijiet intqal fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Renald Vella**[2]

*"Issa, fil-fehma ta' din il-Qorti, sewqan negligenti jfisser nuqqas ta' prudenza ordinarja li wiehed ghandu jadopera biex jevita s-sinistri stradali. [vide Appell Kriminali - Kol. Vol. XLIV/892 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Antoine Spiteri].*

*Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza moghtija nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, iddefiniet bl-aktar mod semplici w ezawrenti l-import tat-terminu 'sewqan traskurat' komunement maghruf bl-ingliz bhala 'negligent driving'. Dik il-Qorti sostniet li dan jammonta ghall-*

[2] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali deciza fid-19 ta' Mejju, 2014

*kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragjonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur ta' regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*L-Imhallef Flores fis-sentenza moghtija nhar it-tmienja ta' Mejju, 1971 fl-ismijiet Il-Pulizija vs John Mamo, ukoll ta definizzjoni ta' sewqan traskurat. Huwa sostna li:*

*"Ir-reat ta' sewqan traskurat huwa reat ta' perikolu u hu intiz biex jigu prevenuti disgrazzji fit-toroq bl-uzu ta' karozzi b'manjiera riskjuza minghajr ma tittiehed dik il-prekawzjoni li c-cirkostanzi tal-mument jissugerixxu regola fondamentali biex jigu evitati incidenti stradali. Hija l-prudenza li timplika li ma jittiehdux riskji zejda bla bzonn."*

*Issa, fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Tanya Sacco l-Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Novembru, 1986, qalet li anke jekk persuna ghandha d-dritta xorta wahda ghandha zzomm a proper look out ghal kull incident li jista' jkun immedjatament prevedibbli biex dan jigi evitat.*

*Illi gie ritenut mill-Qrati taghna accident jista' minnu nnifsu jidher li aktarx gara minhabba htija ta' persuna milli ghal kawzi ohra.*

*Hawnhekk fuq il-bazi tal-principju ta' res ipsa loquitur, jaqa' fuq dik il-persuna l-piz biex juri li f'dak li gara ma kellux htija. [vide Il-Pulizija vs Nazzareno Farrugia - Vol. XXXIII - pg. 968]*

*Intqal wkoll li jistghu jigu assodati serje ta' fatti li jikkostiwixxu dak li 'in subiecta materia' jissejjah 'res ipsa loquitur' "in such circumstances the facts speak for themselves, if no explanation is given by the defendant". [Davies f'Law of Road Traffic citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali Il-Pulizija vs Cassar Desain deciz nhar it-tlettax ta' Jannar, 1962).*

*X'hinu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mill-ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, ir-regolamenti tat-traffiku. Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti.*

*Fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Leonard Grech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, it-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*

*1. la volontarieta dell'atto;*

*2 la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*

*3 la possibilita di prevedere.*

*Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1997 fil-kawza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Alfred Mifsud, il-Qorti enuncjat it-tifsiriet li ghandhom jinghataw lil kull tip ta'sewqan li jiddipartixxi minn sewqan proprju:*

*"Sewqan traskurat (negligent driving) hu kwalsiasi forma ta' sewqan li jiddipartixxi minn, jew li ma jilhaqx il-livell ta' sewqan mistenni minn sewwieq ragonevoli, prudenti, kompetenti u ta' esperjenza. Bhala regola l-ksur tar-regolamenti tat-traffiku kif ukoll in-non-osservanza tad-disposizzjonijiet tal-Highway Code li jincidu fuq il-mod jew il-kwalita' ta' sewqan ta' dak li jkun jammonta ukoll ghal sewqan traskurat.*

*Sewqan bla kont [reckless driving] hu deskritt fis-subartikolu [2] tal-imsemmi Artikolu 15, bhala 'sewqan bi traskuragni kbira'. Din it-tieni*

*ipotesi, jigifieri ta' sewqan bla kont, tikkontempla s-sitwazzjoni fejn il-grad ta' traskuragni tkun kbira, u tinkludi l-kazijiet 'fejn wiehed deliberatament jiehu riskji fis-sewqan li m'ghandhux jiehu minhabba l-probabbilita' ta' hsara li tista tirrizulta lil terzi, kif ukoll kazijiet fejn wiehed ikun indifferenti ghal tali riskji'.*

*Sewqan perikoluz [dangerous driving] jirrikjedi li fil-kaz partikolari, is-sewqan kien ta' perikolu ghal terzi jew ghall-proprjeta' taghhom.Biex wiehed jiddeciedi jekk kien hemm dana l-perikolu, wiehed irid jara c-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluzi l-hin w il-lokalita' tal-incident u l-presenza o meno ta' traffiku iehor jew ta' nies ghaddejjin bir-rigel. Naturalment, sewqan f'kaz partikolari jista' jaqa' taht tnejn jew aktar minn dawn it-tlett forom ta' sewqan, f'liema kaz, japplikaw id-disposizzjonijiet tal-ligi u d-dottrina in materja ta' konkors ta' reati. Ai finijiet ta' piena, il-legislatur pogga s-sewqan bla kont u s-sewqan perikoluz fl-istess keffa. Ir-reat ta' sewqan traskurat hu kompriz u nvolut f'dak ta' sewqan bla kont u f'dawk ta' sewqan perikoluz." (vide Il-Pulizija vs Charlotte Chamberlain, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa u ghoxrin ta' Mejju, 1950)."*

Imbaghad fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Grech** [3] gie ritenut:

*Kwantu ghall-kwistjoni dwar il-prevedibilita` tal-event dannuz, huwa veru li ghal dak li jirrigwarda imprudenza jew negligenza generika (jew, kif isejhilha Francesco Antolisei "…casi di colpa che derivano da inosservanza di usi sociali…" 1) il-kriterju jew kejl tal-prevedibilita` huwa wiehed importanti, anzi essenzjali:*

***Di un'imprudenza o negligenza generica, infatti, e` possibile parlare solo quando era prevedibile che dall'azione sarebbe derivato l-evento nocivo, perche` se il risultato non poteva essere previsto, nessun rimprovero puo` muoversi all'agente. Da secoli nella vita giuridica si fa costantemente uso del criterio in parola e le larghissime***

[3] Qorti tal-Appell Kriminali deciz fis-6 ta' Gunju 2003

***discussioni svoltesi in proposito hanno dimostrato che esso e` veramente indispensabile ed insostituibile.***[4]

*Mill-band l-ohra ma hemmx dubbju li jekk persuna tkun qed issuq minghajr ma zzomm "a proper lookout" (ghax aljenata, distratta, ghajjiena, jew ghal xi raguni ohra, hi x'inhi) hu prevedibbli li ma tkunx fi grad li tirreagixxi kif suppost meta, per ezempju, xi hadd jaqsam it-triq jew javvicina l-vettura mill-genb biex jaqsam. Li wiehed izomm "a proper lookout" waqt li qed isuq, u cioe` li mhux biss ihares dritt quddiemu izda li jiehu kont ukoll tac-cirkostanzi kollha relevanti ta' madwaru inkluz dak li jista' jkun qed jigri fil-gnub tat-triq, hija norma ta' kondotta socjali intiza proprju biex tevita l-hsara; u jekk allura persuna ma tkunx qed izzomm "a proper lookout" kif hawn fuq spjegat, u minhabba dak in-nuqqas tigri xi hsara, dik il-persuna trid twiegeb ghall-hsara involontarja hekk kagunata. Fi kliem l-awtur appena kwotat:*

***A noi sembra che per comprendere la vera essenza della colpa bisogna considerare che nella vita sociale si verificano spesso situazioni nelle quali da una attivita` diretta ad uno scopo possono derivare conseguenze dannose per i terzi. L'esperienza comune o tecnica, cioe` propria di tutti gli uomini o di una categoria di persone che esplicano una particolare attivita`, insegna che in questi casi bisogna usare determinate precauzioni, onde evitare che gli interessi altrui siano pregudicati. Sorgono per tal modo delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali, come, per es., quello per cui il possesore di un'arma da fuoco e` tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita`, pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita`, piu` o meno perocolose, in modo da prevenire, per quanto e` possibile, conseguenze nocive per i terzi. Cosi` all'imprenditore di lavori che apre una buca in una pubblica via e` prescritto di collocare certi segnali.***

***Il reato colposo nasce sempre e` soltanto dall'inosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi` formulato, e`***

---

[4] ***Manuale di Diritto Penale – Parte Generale*** Giuffre` (Milano), 1989, p. 325

***la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche` nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di avere voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasimo puo` muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita` allo scopo di prevenire eventi dannosi.***[5]

*Mill-banda l-ohra, il-prevedibilita` mhix bizzejjed; il-hsara jew l-event dannuz irid ikun ukoll fil-kaz konkret evitabbli:*

***Va, peraltro, notato che, se la prevedibilita` dell'evento causato e` necessaria per la sussistenza della colpa, essa non e` sufficiente. Occorre anche la prevenibilita` od evitabilita` dell'evento medesimo, giacche` il risultato che il soggetto non e` in grado di impedire non gli puo` essere posto a carico, rappresentando nei suoi confronti una mera fatalita`***[6]**.**

*Fi kliem iehor, biex nuqqas ta' "proper lookout" iwassal ghal responsabbilta` penali il-Qorti trid tkun sodisfatta illi kieku ma kienx ghal dak in-nuqqas ta' "proper lookout" dik il-hsara x'aktarx kienet tigi evitata jew x'aktarx li ma kienitx issehh f'dak il-grad li effettivament sehhet. Jekk dik il-hsara fi kwalunkwe kaz ma setghetx tigi evitata, allura jigi nieqes in-ness ta' kawza u effett bejn in-nuqqas ta' "proper lookout" (l-ghemil negligenti) u l-hsara kagunata (l-effett dannuz); ma jkunx jista' jinghad li n-nuqqas ta' "proper lookout" kien kawza efficjenti, ghall-anqas in parti, tal-hsara kagunata.[7]".*

Illi tornando ghall-kaz inkwistjoni, Giovanna Mifsud xehdet[8] li kienet hierga mill-quddies tas-6a.m f'Rahal Gdid u kienet sejra lejn id-dar.

---

[5] *op. cit.* pp. 322-323. Ara wkoll ***Il-Pulizija v. Richard Grech*** App. Krim. 21/3/1996; ***Il-Pulizija v. Tracisio Fenech*** App. Krim. 26/3/1998; ***Il-Pulizija v. Remigio Sacco*** App. Krim. 16/3/1999.

[6] *op. cit.* p. 325.

[7] Ara ***Il-Pulizija v. Alexander Azzopardi*** App. Krim. 26/2/2001.

[8] Seduta tas-16 ta' Gunju 2014

Tghid testwalment li riedet tiskapula *"it-triq ta' Sammat Street u kif issib il-bankina ntella' sieqi wahda biex nitla' fuq il-bankina. Kien ghadu d-dlam fis-6.30 ta' filghodu pero' hu lanqas kellu dawl fil-karozza"*. Imbaghad kif tellghet sieq wahda fuq il-bankina hasset daqqa kbira.

Min-naha l-ohra, Rene' Carabott[9] xehed li kienu hergin mill-Knisja u *"bhan-nies l-ohra u jekk jghaddu mitt persuna tghaddi minn dik it-triq, disgha u disghin u nofs minnhom ighaddu min-nofs it-triq mhux minn fuq il-bankina ghax il-bankina tant hi perikoluza illi specjalment fid-dawl nevitawha. …..U meta wasalna f'salib it-toroq kien hemm karozza qed iharsu pparkjata sewwa u dina xeghlet id-dawl. ……….tlajna fuq il-bankina fil-kantuniera ta' fejn, ta'q abe ta' triq ta' Hal saflieni Street u minn hemmhekk hareg dan u meta wasal vicin taghna, gharafn ahu u jiena s-Sinjur gol-karozza ma nafx min kien dak il-hin. Imma flikkjalna d-dawl, ghidtlu ara dak selmielna u sellimnielu. Kif dar il-kantuniera ghal go Hal-Saflieni Street tajjeb, dana sab karozza, l-karozzi pparkjati quddiemu faccata tieghu. Inzerta kien hemm light car fil-kantuniera fuq id-double line, fuq id-double yellow line li mhux suppost kellha tkun ipparkjata hemm u allura iktar gibed lejn il-bankina tal-lemin u dar. kif dar is-sinjura bdiet tghajjat,…"* Ix-xhud ikkonferma li d-dawl tal-karozza kien mixghul. Huwa kkonferma wkoll li l-imputat kien ipparkjat bejn zewg karozzi fi Triq Sammat u kien se jdur f'Hal Saflieni Street. Hemm kantuniera right-angle, salib it-toroq. Giovanna Mifsud ma kinitx fuq il-bankina.

Paula Falzon[10] xehdet li kien hemm tlett irgiel fejn il-kantuniera qeghdin jitkellmu. Giovanna Mifsud kienet taht il-bankina u l-karozza daret u baqghet diehla fiha u imbaghad semghet hoss. Marret tigri u rat li Giovanna kienet taht il-karozza u kienet taht il-bieba tax-xufier u d-driver ma setax johrog. Ix-xhud gibditha minn spallejha u poggietha fuq il-bankina. Ix-xufier cempel lill-ambulanza u kien hemm min tefghalha xugaman u poggitulha fuq saqajha. In kontro-ezami tikkonferma li Mifsud kienet taht il-bankina erba' apssi aktar lejn Hal saflieni. Kien fadlilha pass biex titla' fuq il-bankina. L-incident gara prattikament mal-kantuniera kif il-vettura daret ghal triq Hal Saflieni.

[9] Seduta tas-16 ta' Gunju 2014
[10] Seduta tal-11 ta' Frar 2015

Fl-ewwel lok jinghad li filwaqt li fin-nota ta' rinviju ta' gudizzju l-imputat gie addebitat bir-reat kontemplat fl-artikolu 15 tal-kapitolu 65 ma jirrizultax fic-citazzjoni li huwa gie akkuzat b'tali reat. Huwa principju assodat fis-sistema guridika nostrali li meta r-rinvju ghall-gudizzju jsir skond is-subartikolu (3) ta' l-Artikolu 370 (u allura wiehed qed jitkellem fuq ghall-inqas reat wiehed, fost dawk imputati, li jaqa' taht il-kompetenza tal-Qorti Kriminali) in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju tassumi rwol simili ghal dak ta' l-att ta' akkuza quddiem il-Qorti Kriminali. Fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju skond l-Artikolu 370(3) ma jistghux jizdiedu reati li dwarhom ma tkunx saret il-kumpilazzjoni; l-Avukat Generali, naturalment, jista' jnaqqas reat jew reati w anke jzid skuzanti. Bhal fil-kaz ta' l-att ta' akkuza, jekk fin-nota ta' rinvju ghall-gudizzju taht l-imsemmi Artikolu 370(3) l-Avukat Generali jakkuza lil xi hadd bhala l-awtur ta' reat, il-Qorti tal-Magistrati, wara li tkun akkwistat il-kompetenza bil-kunsens ta' l-akkuzat [Art.370(3)(c)], tista' ssibu hati ta' tentattiv ta' dak ir-reat, jew ta' reat iehor inqas gravi izda kompriz u involut f'dak ir-reat jew bhala komplici f'dak ir-reat[11].

Fit-tieni lok, mir-rizultanzi processwali u mehud in kunsiderazzjoni l-insenjamenti fuq riportati din il-Qorti tqis li ghal dan is-sinistru tahti unikament Giovanna Mifsud. Jirrizulta li l-imputat kellu l-karozza pparkjata bejn zewg vetturi fi Triq Sammat, Rahal Gdid. Fil-hin li huwa mar biex icaqlaq il-karozza kien ghadu d-dlam. Kuntrarjament ghal dak li xehdet Giovanna Mifsud, l-imputat xeghel id-dawl tal-karozza. Huwa hareg bil-galbu, kif xehed Rene' Carabott, u ried idur mal-kantuniera biex jidhol ghal Triq Hal Saflieni. Huwa kien ipparkjat tul ta' zewg vetturi 'l boghod minn Triq Hal Saflieni. Saq bil-mod. Kif dar mal-kantuniera li hija right-angle sab ma' wiccu lil Giovanna Mifsud li kienet miexja fit-triq u mhux fuq il-bankina. It-triq inkwistjoni hija triq pjuttost dejqa u kien hemm ukoll vettura pparkjata fuq double-yellow line w allura l-imputat kellu necessarjament isuq aktar vicin. Din il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas min-naha tal-imputat li sab quddiem wiccu lil Giovanna Mifsud u li huwa evidenti li bl-ebda mod ma seta' jipprevedi

[11] Il-Pulizija v. Michael Carter, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta' Dicembru 2001 u Il-Pulizija v. Peter Azzopardi, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-10 ta' Jannar 2005.

li se jsib lil xi persuna dak il-hin miexja fit-triq. Hekk kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Pulizija vs Clive Tanti**[12] li kien jitratta dwar kaz simili hafna ghal dak odjern kienet l-istess pedestrian bhal Giovanna Mifsud fil-kaz odjern *li bil-fatt li qasmet minn fejn qasmet b'mod azzardat, ikkawzat moment ta` emergenza lis-sewwieq/l-imputat, meta huwa sabha ma wiccu meta dahal go Triq is-Sorijiet.*

Il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas iehor in konnessjoni mar-reat addebitat.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-ewwel imputazzjoni indikata fin-nota ta' rinviju ghall-gudizzju, ma ssibx lil-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u minnha tilliberah.

Dr Josette Demicoli LL.D

Magistrat

[12] Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali – 25 ta' Ottubru 2016